# KUNSILL LOKALI MQABBA

**29, TRIQ IL-PARROĊĊA, MQABBA MQB 1512**

**TEL: 2168 0622 /2701 3040 • FAX: 2168 0606**

**E-MAIL: mqabba.lc@gov.mt**
**WEB SITE: www.mqabba.gov.mt**


Minuti tas-seduta numru sebgħa u erbgħin (47) tal-Kunsill Lokali Mqabba (KLM) li nżammet nhar it-Tlieta, 13 ta’ April 2010, fis-6:45pm, fil-Bini Amministrattiv tal-Kunsill Lokali Mqabba.

| | | |
|---|---|---|
| PREŻENTI: | Noel Galea | Sindku |
| | Charles Farrugia | Deputat Sindku |
| | Nicholas Briffa | Kunsillier |
| | Grace Marie Mallia | Kunsillier |
| | Anthony Bonello | Segretarju Eżekuttiv |
| SKUŻAT: | Paul Spiteri | Kunsillier |

1. Is-**sindku ppresjeda** l-laqgħa u qal it-talba.

2. Il-laqgħa bdiet kwarta tard għaliex infetħu l-**kwotazzjonijiet** għalll-bini mill-ġdid tas-sit elettroniku tal-KLM. L-unika kumpanija li tefgħet l-offerta hija dik ta’ *Abakus Solutions* kif elenkat fuq l-iskeda ffirmata mill-kunsillieri. Il-kunsillieri preżenti qablu unanimament illi dan ix-xogħol ikun assenjat lilhom.

3. Il-**minuti tas-seduta** preċedenti kienu kkoreġġuti, approvati u ffirmati.

4. Il-kunsillieri reġgħu qajmu l-każ tal-problema ta’ **parkeġġ ta’ Triq il-Fjuri**. Iżda dwar dan issa jidher li kollox sew għaliex il-KLM mexa strettament mad-direttivi mogħtija minn *Transport Malta* biex solva l-problema ta’ mblukkar ta’ *garage* minkejja li r-residenti riduh li dan jitwal.

5. Nicholas Briffa semma l-problema li n-*National Audit Office*, *Grant Thornton*, kif ukoll id-Dipartiment għall-Gvern Lokali m’aċċettawx il-***financial statements*** li ppreżenta s-segretarju eżekuttiv għas-sena li għalqet fil-31 ta’ Diċembru 2009. Is-segretarju eżekuttiv qal li dawn ilhom isiru b’dan il-mod sittax-il sena u din kienet l-ewwel darba li dawn ma ġewx aċċettati. Meta huwa tkellem mal-*Accountant* li indikalu s-sindku, is-Sur Richard Falzon, dan qallu li hija redikola li sar l-uditjar fiżikament fl-uffiċċju tagħna u dawn issa se jġiegħluna nidħlu fi spiża addizzjonali. Huwa ta x’jifhem li hu lest li jassistina matul din is-sena (Jannar-Diċembru 2010). Infatti s-segretarju eżekuttiv talbu stima ta’ dawn ix-xogħlijiet ta’ *accounts*. Il-kunsill iddeċieda li jipprotesta dwar dan mad-Direttur għall-Gvern Lokali għaliex m’għandux flus żejda x’jonfoq fuq xogħol diġà nafu li kien uditjat.

6. Il-KLM f’dan il-punt ikkunsidra l-offerta tal-**pannelli fotovoltaiċi.** Is-sindku qal li uħud mill-*bids* tal-kumpanija *Alberta Fire & Security*, m’humiex *according to specifications*, mentri dawk ippreżentati minn Clinton Zammit, minkejja li huma sostanzjalment ogħola, huma *according to specifications*. Is-sindku żied jgħid illi skond kif iggwidana l-enġinier, *bid* numru wieħed (1) ta’ *Alberta Fire and Security*, dik li tiswa’ €5,496.49 tidher li hija konformi. Jekk dan ikun fil-ġranet li ġejjin konfermat mill-inġinier, il-Kunsill Lokali Mqabba se jmur għal din l-offerta peress li apparentement tidher konformi mal-ispeċifikazzjonijiet.

7. Fil-punti mill-minuti, issemma l-**kuntratt** li se jkun iffirmat ma’ *Asfaltar Ltd*. Hawn intqal illi t-toroq kollha indikati mill-KLM iridu jitlestew mill-kisi tagħhom sal-aħħar ta’ April 2011.

8. Issemmiet il-**manutenzjoni** (*patching*) in-naħa tal-post tan-nar u anke fi Triq Ħal Farruġ propju fejn il-barriera ta’ Zahra. Il-KLM b’sodisfazzjon jinnota li din il-manutenzjoni saret mill-Kunsill Lokali Siġġiewi.

9. Is-sindku qal illi se jsir ukoll *extensive patching* fi Triq Valletta viċin il-fabbrika ta’ *Agius Marble*s, peress li preżentement il-kuntrattur tal-fiduċja tal-Korporazzjoni Enemalta qed jgħaddilhom l-***underground cable*** biex isaħħu l-provista tal-elettriku.

10. Is-Sindku kien mgħajjat għal laqgħa mal-*Managers* Distribuzzjoni tal-Korporazzjoni Enemalta dwar il-***cables* ġodda** li ser jgħaddu taħt il-livell tat-triq minn Triq iċ-Ċavi, Triq il-Kileb u Triq Sta Katarina. L-Enemalta normalment taħdem b'kuntratturi li ilhom f'dan ix-xogħol minħabba l-esperjenza tagħhom. Is-Sindku, filwaqt li baqa' magħhom li ser jiddiskuti t-talba tagħhom f'laqgħa tal-Kunsill, talab li l-Korporazzjoni tidħol ukoll għal xogħol mitlub mill-Kunsill għall-Pjazza tal-Knisja biex ikunu eliminati *overhead cables* li jkerrħu post sensittiv bħal dan. Il-Korporazzjoni ser tagħtina bil-miktub li l-ħlas kollu relatat ma' dan ix-xogħol ser jitħallas mill-Korporazzjoni.

11. Charles Farrugia daħal fis-7:15pm għal-laqgħa.

12. Is-sindku semma l-**preżentazzjoni li saret lilu f'isem il-librerija lokali.** Hu qal li l-KLM ingħata €466 li jridu jintefqu f'kotba mingħand il-*Merlin Library*. Nicholas Briffa ssuġġerixxa li nakkwistaw għal-librerija tal-Imqabba *comics* interessanti u oriġinali li ħarġu dan l-aħħar bil-lingwa Maltija.

13. Il-KLM se jkollu x-xorti li jiltaqa' mal-**Kumitat ta' Garanzija** fosthom maċ-*Chairman* tiegħu, l-ET il-President Imeritus Dr Ugo Mifsud Bonnici, nhar il-15 ta' April 2010 fit-3:00pm. Ma' dan il-kumitat se jkun hemm rappreżentant tas-Segretarju Parlamentari responsabbli mill-Kunsilli Lokali, l-Onor Chris Said. Charles Farrugia insista li għal din il-laqgħa jkun hemm preżenti wkoll is-Sur Kenneth Gambin, ir-rappreżentant ta' *Heritage Malta.*

14. Dwar il-proposta li l-**KLM japplika f'isem l-għaqdiet** kollha tar-raħal biex nittappjaw fondi biex fuq il-bjut tas-sede /bini amministrattiv tal-għaqdiet, jitpoġġew pannelli fotovoltaiċi, jonqos l-informazzjoni tal-Każin tal-Futbol. Dawn għadhom iridu jkejlulna s-saqaf u jgħaddulna l-informazzjoni, peress li huma kienu interessati li jipparteċipaw f'din l-inizjattiva.

15. Għall-proposta li saret sabiex fuq il-**monument ta' Mikelanġ Sapiano,** titnaqqax il-kelma "Arluġġar" mill-kumpanija *Agius Marble Works*, il-KLM talab stima ħalli l-ispiża tkun approvata waqt laqgħa tal-KLM.

16. Dwar il-**korsijiet tal-*computer*** se noħorġu avviż ħalli dawn jibdew fl-aħħar ta' Ġunju 2010 fl-Isptar il-Qadim. Għad fadal xogħol xi jsir biex jitqabbdu l-*computers* mill-ġdid u tinġieb il-*connection* tal-linja u l-*internet*. Għal 10 sigħat kors, is-Sur Keith Aquilina qed jitlobna €150. Dan kien approvat mill-KLM.

17. Għall-**attività dwar ix-Xjenza** li se tkun organizzata mill-*MCST* bil-kollaborazzjoni tal-kunsill nhar il- ta' Mejju 2010, intbgħatu l-ittri lil dawk l-għaqdiet /skola /kumpaniji li jistgħu jipparteċipaw f'dan l-avveniment ġewwa l-lokal tagħna.

18. B'riferenza għad-**dlam fi Ġnien Tfal ir-Raħal**, il-kunsillieri qablu li għandna naraw li dan jinxtgħel malajr kemm jista' jkun. Dan sabiex tiżdiedlu fih l-illuminazzjoni qabel is-sajf fejn hu antiċipat li jibda jintuża ferm aktar speċjalment mill-familji Mqabbin. Dan se jsir biex nipprevenu aktar atti vandali fih.

19. Il-KLM qed jitlob ***sponsor* mill-*Bank of Valletta*** sabiex dawn jagħmlu tajjeb għall-ispiża tal-€1,870, sabiex jinbena s-sit elettroniku wara li dan kien ġie *hacked* għal aktar minn darba minħabba t-teknoloġija antika li llum il-ġurnata kull min ikollu ftit *knowledge* bażiku fl-*IT*, jirnexxielu jinfiltra fih.

20. Il-ġurntata tal-laqgħa li kienet antiċipata li ssir fit-23 ta' April 2010 mal-**każini tal-banda** biex dawn jagħtu is-servizzi tagħhom f'Ottubru, jiġifieri f'Jum l-Imqabba 2010, issa reġgħet inbidlet u se ssir fid-29 ta' April 2010. Dan qalu s-sindku wara li kien f'kuntatt mal-partijiet kollha fl-aħħar jiem biex din isseħħ kif mixtieq.

21. Mill-informazzjoni li għandu s-sindku (mhux uffiċjali) fit-28 ta' April 2010 filgħaxija se tkun organizzata hemm il-***prize day* fl-Iskola Primarja Mqabba.** Hu qal li għaliha għandhom jattendu l-

iskrivani Valerie Galea u Mersia Mackay, għaliex fl-istess ħin u ġurnata għandna stedina informali oħra mill-Kunsill Lokali Żebbuġ biex ikun iffirmat il-ftehim ta' tisħiħ bejn il-KLM u dak taż-Żebbuġ. Għal dan l-avveniment is-sindku stieden lill-kunsillieri kollha u lis-segretarju eżekuttiv.

22. Il-***Closed Circuit TV camera (CCTV)*** li l-kwotazzjoni għaliha nġabret fis-seduta preċedenti, issa twaħħlet għas-sodisfazzjon tas-sindku u l-kunsillieri. Is-sindku filwaqt li faħħar ix-xogħol tal-kumpanija *Alberta Fire and Security* qal illi id-*DVR* mhux skond l-ispeċifikazzjonijiet li kkwotaw u talabhom sabiex ibiddluh ma' wieħed li fih ikollu integrat *dvd writer* biex dak li jkun irrekordjat, inkunu nistgħu nikkupjawh.

23. Il-KLM iddeċieda li terġa' tinkiteb ittra lill-Perit tal-kunsill, is-Sur Anthony Bezzina dwar l-**applikazzjoni li saret mill-KLM lill-*MEPA*** fejn jirriżulta li din weħlet mill-Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Diżabilità. Din hija l-applikazzjoni biex tissebbaħ iż-żona tal-Mentna kif ukoll isir tibdil fil-*junction* (*roundabout*) li tinsab quddiem il-katakombi. Fl-ittra se jiġi mfisser lilu li qabel mal-applikazzjoni tagħna tiġi konformi, il-KLM ma jistax iħallsu.

24. Is-sindku qal li hu xtaq illi għall-inawgurar uffiċjali tal-**uffiċċju tal-*Customer Care*** fis-sular t'isfel, ikollna preżenti s-Segretarju Parlamentari fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru, l-Onor Chris Said. Hu ppropona li dan isir fit-30 ta' April, 2010, filgħaxija. Grace Marie Mallia qalet li dan se jkun lejlet l-1 ta' Mejju, 2010 u għalhekk minħabba impenji oħra ta' Jum il-Ħaddiem, hija ma tkunx tista' tattendi. Hija talbet li tinbidel il-ġurnata filwaqt li jkun mistieden ukoll l-Onor Stephan Buontempo wkoll għan-naħa tal-Oppożizzjoni. Infatti qed tkun ikkunsidrata d-data tal-5 jew tas-7 ta' Mejju 2010, kif ukoll li l-Onor Buontempo jkun mistieden.

25. Dwar l-istess uffiċċju fis-sular t'isfel, Grace Marie Mallia qalet li tħoss li l-iskrivana Valerie Galea għandha tibqa' fis-sular ta' fuq u isfel ikun hemm **Mersia Mackay fuq il-*Cash Office.*** Hawn is-sindku ma qabilx, u qal li l-esperjenza li għandha Valerie Galea tagħmilha l-persuna idejali sabiex hija taqdi bl-aħjar mod il-pubbliku minn isfel. Barra minn hekk Mersia Mackay hija *part-timer* u taħdem filgħodu biss, mentri l-uffiċċju isfel għandu jibqa' miftuħ sa filgħaxija. Huwa qal li tkellem diġà ma' Valerie Galea u din qaltlu illi x-xogħol li ssoltu jsir minn fuq se jibda jsir minn isfel u barra minn hekk hija xorta se jkollha ċ-ċans tagħmel il-*back office* biex dan ma jaqgħax lura. Intant is-sindku irregala makna tal-fotokopji *second hand* lill-KLM *front office*, u ser tintuża.

26. Is-sindku qal li għada 14 ta' April 2010, għandu jkun konkluż il-materjal li se jintbgħat dwar l-ewwel ħarġa tal-fuljett **"Minn fuq l-Għatba tal-Kunsill"**. Matul il-ġurnata tal-lum huwa bagħat l-artiklu tiegħu lill-Mersia Mackay biex din tgħaddih lill-*Bestprint Co Ltd* flimkien ma' dak tal-kunsillieri li kien diġà mgħoddi lil din il-kumpanija aktar kmieni din il-ġimgħa mis-segretarju eżekuttiv.

27. Dwar il-laqgħa għall-għarrieda li kellu l-KLM mal-ET Ms Louise Stanton, il-**Kummissarju Għoli Ngliż għal Malta,** waqt l-attività marbuta mal-Imqabba fil-Gwerra, organizzata mis-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V, nhar id-9 ta' April 2010, is-sindku qal li din kienet waħda amikevoli u akkoljenti. Hija ffirmat il-ktieb tal-viżitaturi tal-KLM, fil-preżenza tas-Sindku, Noel Galea; il-Kunsillieri, Nicholas Briffa u Grace Marie Mallia; u s-Segretarju Eżekuttiv, Anthony Bonello.

28. Għall-attività li se jorganizza l-KLM fil-**gżira Għawdxija,** fis-26 ta' Mejju 2010, is-sindku ta l-prezzijiet li se jkun qed jitlobna l-*Garden of Eden*: l-adulti se jkunu qed iħallsu mingħajr l-ispejjeż tal-vapur €22.42 filwaqt li t-tfal se jħallsu €12.39. S'issa ġie deċiż il-prezz li se jitlob il-KLM lit-tfal, jiġifieri dak ta' €10. Noel Galea qal illi jkun xieraq li dawn jittieħdu jżuru il-lokalità taż-Żebbuġ Għawdex. Grace Marie Mallia qalet illi jekk jirnexxielna mmorru għall-ikel għall-ħabta tas-1:30pm għand is-*Sea Shells Restaurant*, dan possibilment iħallina għal ħafna ħin fl-istess post biex ikun hemm ħin li min jiġi magħna jibqa' jilgħab it-tombla komdu fir-*restaurant*. Is-Sindku wieġeb li diġa' ta struzzjonijiet lil Mersia Mackay sabiex tifformula l-programm ta' l-attivitajiet u sabiex tikkuntattja lis-sid tas-Sea Shells Restaurant biex tibbukkja l-ħin tas-1.30pm u l-post.

29. Noel Galea qal li hemm il-possibilità li l-**palma marida** li hemm fiċ-ċimiterju tal-Imqabba tkun salvata. Dan qaluhulna l-ħaddiema tal-*Environmental Landscapes Consortium* u se jbixxuha biex

jippruvaw isalvawha, minħabba li fiha nnifisha hija *landmark.* Dwar din il-palma kienet issagrifikata ħafna enerġija minn dan l-uffiċċju fejn oriġinalment is-sindku kellu l-parir li din tinqala' minnufih sabiex ma tmarradx l-oħrajn.

30. Is-sindku talab il-parir tal-Kunsill jekk għandniex nipparteċipaw fil-**konferenza tal-*ECAD*** li se ssir fil-gżira Għawdxija minħabba li hemm spejjeż sostanzjali ta' parteċipazzjoni ta' kull sena f'laqgħat li jsiru. Din qed tkun organizzata mill-Kunsill Lokali Pembroke. Il-Kunsill qabel li ma jipparteċipax.

31. L-applikazzjoni li qed timtela mill-uffiċjali tal-***MEUSAC*** għall-KLM biex possibilment nibbenefikaw minn fondi tal-*ERDF*, waslet fil-konklużjoni tagħha. Is-sindku qal li qed nistennew li propju għada din tiġi mgħoddija lilna permezz ta' *e-mail*, fejn tkun tista' wkoll tkun mgħoddija lill-kunsillieri għall-benefiċċju tagħhom ukoll. Ovvjament fadal ħafna xogħol wara li mtlew il-kwestjonarji mill-ħaddiema tal-kunsill anke biex tinġabar l-informazzjoni kollha mid-dipartimenti u entitajiet kollha.

32. Is-segretarju eżekuttiv kiteb lill-***OHSA*** dwar ilment li sar minn xi ħadd anonimu dwar it-twaqqif ta' *tower crane* fl-inħawi ta' Triq Xandru Farrugia. Hu ppreżenta *e-mail* lill-kunsillieri fejn fiha dawn ikkonfermaw illi l-iżviluppatur għandu ċ-ċertifikazzjoni tat-*tower crane* minkejja li ma tawniex kopja tiegħu. Dan se jkun komunikat mal-persuna li staqsiet dwar din l-istruttura fir-raħal tagħna, mentri se niktbu uffiċjalment lill-*project manager* tal-plot li qed ikun żviluppat ħalli jgħaddilna kopja tiegħu, dejjem jekk insibu min hu mit-tabelli li suppost twaħħlu fis-sit.

33. Il-proposta ssuġġerita mis-segretarju eżekuttiv biex il-KLM jikkunsidra li jinvesti **f'*Parking Fund*** fil-*Valletta Fund Management*, ma kienetx aċċettata. Din saret bil-miktub permezz ta' *e-mail* wara laqgħa li kellu is-segretarju eżekuttiv mal-*Manager* tal-*BOV* u persuna oħra awtorizzata. Madankollu il-KLM iddeċieda li jinvesti €21,000 fuq ktieb *fixed* għal sitt xhur. Il-figura rappreżentattiva toħrog mill-fatt li l-KLM fil-futur se jibda jwarrab €7,000 fix-xahar u minn din is-sena diġà għaddew tliet xhur.

34. Dwar it-taħriġ tal-***Law Enforcement System Version 2***, li se jattendu għalih is-segretarju eżekuttiv u l-iskrivani, s-segretarju eżekuttiv qal li l-bidla ewlenija se ssir minn *software* li kien *web based* għal wieħed *application based.* Dan se joffri aktar faċilità ta' uditjar minn naħa tal-kunsill f'dawk li huma fondi miġbura f'isem kunsilli oħra. Sadanittant fil-laqgħa li saret mill-AKL nhar is-7 ta' April 2010, is-segretarju eżekuttiv qal li l-Onor Chris Said ikkonferma li ċ-ċitazzjonijiet anke tal-parkeġġ illegali li se jibdew joħorġu l-gwardjani lokali, apparti l-*warnings*, se jkunu inkrimentali wkoll. Hekk per eżempju dawk li joħorġu fuq parkeġġ ħażin mhux se jkunu kollha tal-istess ammont. Dan ovvjament se tieħu ħsiebu s-sistema l-ġdida, l-*LES Version 2* tal-*Loqus* (eks *Datatrak*).

35. Il-viċi sindku qal li b'risposta għall-*e-mail* tal-**Kunsill Malti għall-Isport (KMS)**, il-KLM għandu jwieġeb illi jinħtieġ il-kowċis mill-KMS biex jgħallem diversi dixxiplini ta' sports fl-Iskola Primarja Mqabba, fosthom il-*Girls on the Move*, il-*Multi Disciplinary Sport* u l-*After Schools Programme*.

36. Kienet approvata l-***payment approval sheet* numru *374.***

37. Nicholas Briffa fakkar dwar il-**vleġeġ** li kienu twaħħlu diversi snin ilu direzzjonati ħażin fi **Triq tas-Sejba.** Hu qal li dawn tajjeb li jitwaħħlu fil-post addattat biex ma jkunx hemm inċidenti.

38. Dwar l-attività l-**Imqabba mal-Medda taż-Żmien,** it-tieni edizzjoni, dik tat-1 ta' Ottubru 2010, is-sindku qal li se napplikaw fl-applikazzjoni li jmiss, jiġifieri dik li tiskadi fl-1 ta' Ġunju 2010.

39. Il-laqgħa ntemmet fid-9:00pm u l-KLM se jiltaqa' nhar is-27 ta' April 2010 fis-6:30pm.

| | | | |
|---|---|---|---|
| *Magħmula minn* | **Anthony Bonello**<br>**Segretarju Eżekuttiv** | *u approvati llum*<br>*27/04 /2010 minn:* | **Noel Galea**<br>**Sindku** |